Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Ġenerali

Maġistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.

Fl-atti tar-Rikors ta' Revoka numru 148/2021/1 (BS), wara l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 148/2021 (BS), fl-istess ismijiet:

George Galea et

vs

Lawrence Zammit Haber et

Illum, 9 ta' Marzu 2022

Il-Qorti;

**Rat r-rikors tal-intimati kif rappreżentati minn Lawrence Zammit Haber ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2021 li jaqra s-segwenti:**

ILLI dan huwa mandat ta' sekwestru ulterjuri fl-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000) li sar mir-rikorrenti rappreżentanti allegati danni sofferti minnu wara li ġie allegat li l-intimati għalqulu aċċess għal raba' proprjetà tiegħu.

Dan il-mandat sar in segwitu għall-mandat ta' sekwestru ieħor li kien ġa sar mill-istess rikorrenti fuq l-istess mertu, u fl-istess ammont ta' tletin elf ewro (€30,000) permezz ta' mandat ta' sekwestru ieħor bin-numru 71/2019, li jinsab adegwatament kawtelat il-Qorti permezz ta' depożitu li sar mill-banek lokali.

Iż-żewġ mandati saru in konnessjoni ma' kawża fl-ismijiet "Gorg Galeta et vs Lawrence Zammit Haber et" (Ċitazzjoni numru 46/2019) u li minkejja li ilha li ġiet istitwita mis-sena 2019, għadha fl-istadju fejn qed tiġi trattata kwistjoni dwar il-preskrizzjoni. L-ebda wieħed mid-differiment ma sar tort u ħtija tal-intimati li da parti tagħhom, ovvjament kellhom kull intenzjoni li l-kawża tiġi deċiża malajr u huma jeħilsu rwieħhom mill-effetti tal-ewwel mandat ta' sekwestru.

Din il-kawża tirrigwarda (i) dikjarazzjoni mill-Qorti fis-sens li r-raba' tar-rikorrenti George Galea għandha dritt ta' aċċess minn fuq art appartenenti lill-esponenti; u (ii) konsegwentement kundanna dwar allegati danni sofferti mir-rikorrenti minħabba n-non użu ta' raba' agrikola. Dawn l-allegazzjonijiet qed jiġu kkontestati mill-esponenti.

ILLI l-esponenti jħossuhom ferm perplessi dwar il-fatt li minkejja li l-*ewwe*l mandat ta' sekwestru ġie adegwatament kawtelat, ir-rikorrenti ħass il-bżonn li jerġa' jippreżenta mandat ta' sekwestru ieħor fl-istess ammont ta' tlett elef ewro (€30,000) f'dan l-istadju.

ILLI ċertament m'huwiex spjegabbli kif il-pretensjoni tar-rikorrenti f'daqqa waħda rduppjat. Illi inoltre, in kwantu jirrigwarda danni, dawn għandhom jitqies mument li fih ġiet promossa l-kawża, u għaldaqstant jekk allegatament kien hemm xi danni ulterjuri, dawn għandhom jiġu riżervati għal proċeduri oħra.

ILLI anqas huwa spjegabbli kif f'terminu ta' inqas minn sentejn il-pretensjoni tar-rikorrenti żdiedet bl-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000) meta hawn si tratta mill-użu ta' biċċa raba' waħda. Li kieku d-dħul mir-raba' kien ta' tali entità, kieku jkun ħafna iżjed nies li jaħdmu fil-biedja.

ILLI huwa wkoll sottomess li *del resto* huwa rekwiżit *sine qua non* għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru illi s-sekwestranti jipprova fuq bażi *prima facie* li għandu pretensjoni legali ġustifikata (ara *inter alia* digriet tad-19 ta' Lulju 2019 fl-atti tar-Rik. Ġur. 508/2019 LSO).

ILLI sa issa, la fil-mandat ta' sekwestru oriġinali, u lanqas f'dak odjern, ma ġiet prodotta xi prova *prima facie*, sija dwar l-allegat dritt u sija wkoll dwar l-ammont ta' danni reklamati.

ILLI l-esponenti ma kkontestawx l-ewwel mandat għaliex seta' kien jiġi meqjus bħala stadju prematur; kif ukoll peress li għalkemm sofrew danni konsegwenza tiegħu, dan il-mandat ma stallax l-operat tagħhom għalkollox.

Iżda però dan il-mandat odjern kellu konsegwenzi serji fuqhom għax issa litteralment sallabhom billi uħud mill-esponenti spiċċaw mingħajr flus. Dan apparti l-fatt li għal darb'oħra, il-flus tagħhom qed jerġgħu jiġu depożitati l-Qorti u kull darba jitnaqqsu t-tariffi applikabbli mill-banek fir-rigward ta' kull persuna li jieħdu l-flus mingħandha.

ILLI fl-isfond ta' dan kollu huwa ovvju għall-esponenti, li dawn il-proċeduri ġew istitwiti purament b'malizzja sabiex jivvessaw lill-esponenti. Ġaladarba r-rikorrenti ra li l-*ewwe*l mandat ma kissirhomx finanzjarjament daqs kemm

xtaq, issa ra kif jagħtihom skoss ieħor bil-mandat odjern, mingħajr ebda ġustifikazzjoni ta' xi tip.

F'dan ir-rigward l-esponenti jagħmlu riferenza għal dak li ġie deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tar-Rikors numru 423/05 fl-ismijiet **Josephine Sammut vs Emanuel Sarnmut et**, degretat fl-20 ta' Ottubru 2005, fejn intqal:

*"Il-Mandati kawtelatorji għandhom skop preciz u jridu jintuzaw biex jiġu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-hrug tagħhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew għall-pika jew bi hsieb malizzjuz ieħor [...]."*

ILLI għaldaqstant l-esponenti jitolbu u jinsistu biex dan il-mandat jiġi revokat.

GĦALDAQSTANT u in vista tal-premess l-esponenti umilment jitolbu lil dina l Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

(i) titratta dan ir-rikors b'urġenza;

(ii) tirrevoka b'effett immedjat il-mandat ta' sekwestru numru 148/2021 ai termini tal-Artikolu 836(1)(b) u (d) tal-Kap. 12 stante li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li jinżamm aktar fis-seħħ il-mandat meta l-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju huwa mankanti u l-ammont mitlub ma huwiex *prima facie* ġustifikat u/jew huwa eċċessiv;

(iii) tapplika fil-konfront tas-sekwestranti il-provvedimenti kontemplati taħt l-Artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap. 12 stante li s-sekwestranti naqsu milli jiġġustifikaw li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ u li t-talba tagħhom waħda malizzjuża u vessatorja; u

(iv) ai termini tal-Artikolu 836(9) tikkundanna lis-sekwestranti jħallsu d-danni li l-esponenti ġarrbu bil-ħruġ tal-mandat odjern.

**Rat r-risposta ta' George u Loreta konjuġi Galea ppreżentata fis-26 ta' Novembru, 2021 li taqra s-segwenti:**

ILLI fl-ewwel lok, irid jiġi rilevat illi kif jidher mill-allegat, wieħed mis-sekwestrati, John Zammit Haber, miet fis-17 ta' Ottubru 2021, jiġifieri ferm qabel ma' ġie ppreżentat dan ir-rikors ta' revoka u għaldaqstant, il-proċeduri odjerni m'humiex integri u jeħtieġ il-leġitimazzjoni tal-atti qabel ma' dan ir-rikors jista' jiġi ttrattat. Irid jiġi puntwalizzat illi s-sekwestranti ma kinux jafu bil-mewt ta' John Zammit Haber meta ppreżentaw il-mandat tagħhom.

ILLI fit-tieni lok, u preliminarjament ukoll, is-sekwestrat Lawrence Zammit Haber għandu juri li hu għandu dritt jirrappreżenta lil ħutu sekwestrati f'dina l-proċedura u dana anke tenut kont illi hu fatt notorju li bejn l-aħwa Zammit Haber hemm diversi diverġenzi u kien hemm anke kawżi bejniethom fil-passat. Dan aktar u aktar li issa rriżulta illi wieħed mis-sekwestrati hu mejjet u għaldaqstant, ċertament ma setax jagħti l-kunsens tiegħu ħalli jiġi intavolat ir-rikors ta' revoka odjern.

ILLI magħdud ma dan, fil-mertu, u bla preġudizzju għas-suespost, it-talba għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 148/2021 SG magħmula mir-rikorrent Lawrence Zammit Haber pro et noe hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda u dan għar-raġunijiet segwenti.

ILLI in kwantu li t-talba għal revoka hija msejsa fuq l-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sekwestati ma indikawx liema hija dik il-ħtieġa tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li m'għadhiex fil-fatt teżisti. U r-raġuni hi sempliċi: ma hemm l-ebda ħtieġa fil-liġi li fil-fatt m'għadhiex teżisti. Il-fatti ta' din il-kontroversja ma nbidlux u baqgħu l-istess sal-ġurnata tal-lum minn meta nfetħet il-kawża 46/2019 BS u minn meta nħareġ l-ewwel mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 71/2009. Kwalunkwe garanzija li ngħatat għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 71/2009, teffettwa biss dak il-mandat. Is-sekwestranti hawn ifakkaru illi ma saret ebda talba biex jiġi revokat dak il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. L-unika ħaġa li nbidlet hija li l-valur tal-patrimonju tas-sekwestranti kompla jonqos kaġun tal-aġir abbużiv kontinwu da parte tas-sekwestrati.

ILLI l-istess jista' jingħad in kwantu li t-talba għal revoka hija msejsa fuq l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta: l-ammont kawtelat la hu *prima facie* bla ġustifikazzjoni u lanqas hu, *prima facie,* eċċessiv.

ILLI fil-provvediment mogħti fit-12 ta' Settembru 2019 fil-proċeduri fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' Kontromandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 964/2019 fl-ismijiet Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

*"Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat".* (emfażi miżjuda mill-esponenti)

ILLI fid-digriet fl-ismijiet: "Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea" (336/2005 JRM, 29 ta' Lulju 2005)[1], il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara li rrepetiet u kkonfermat dak li ntqal supra, imbagħad qalet kif ġej:

*"Wieħed m'għandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leggerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-dagga t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod azzardat. Inoltre kif ġie ribadit ininn din il-Qorti kif diversament presieduta "Ma hemmx għalfejn li jiġi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun bizzejjed li min qed jitlob il-ħrug tal-mandat jikkonferma bil-ġurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proċeduri mhux intizi biex iservu ta' revizjoni għar-rigward tal-ordni tal-ħrug tal-mandat. Dawn il-proċeduri jsiru sabiex jiġi stabbiliti jekk jeżistux l-estremi li trid il-liġi, skont il-provvedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jiġi revokat in parte jew in toto. Għalhekk mhux necessarjament jiġu prodotti dokumenti sabiex il-kreditu."* (enfażi miżjuda mill-esponenti)

ILLI l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi dan il-mandat ta' sekwestru huwa intiż unikament sabiex jikkawtela il-jeddijiet tas-sekwestranti li ġew kkonfermati l-ewwel bil-ġurament tas-sekwestrant u addizjonalment, bil-proċeduri fir-rikors promotur tal-kawża fl-ismijiet George Galea et. vs Lawrence Zammit Haber et (Rikors numru 46/2019 BS).

ILLI s-sekwestranti jirrilevaw illi fir-rigward tal-allegazzjoni tas-sekwestrat Lawrence Zammit Haber "illi sa issa, la fil-mandat ta' sekwestru oriġinali, u l-anqas f'dak odjern, ma ġiet prodotta xi prova *prima facie*", dan m'hu minnu xejn. Apparti mill-fatt illi fil-każ ta' mandati kawtelatorji ma jiġux prodotti provi imma jinħarġu fuq il-ġurament tas-sekwestrant, fil-kawża bejn il-partijiet fl-ismijiet George Galea et. vs Lawrence Zammit Haber et (Rikors numru 46/2019BS) fil-kors tal-provi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni diġà ġew ippreżentati affidavits tar-rikorrenti, ritratti, u wkoll kuntratt fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tat-28 ta' Settembru 2001, f'liema att pubbliku d-drittijiet ta' passaġġ reklamati mir-rikorrenti jirriżultaw testwalment u bl-iktar mod ċar u inekwivoku. F'din il-kawża xehdu wkoll Lawrence Zammit Haber, Żakkarija Zammit Haber, Patricia Fenech, Joseph Galea, u George Galea u mill-assjem ta' dawn il-provi kollha jirriżulta illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ġew ppruvati ferm u ferm iktar mill-grad ta' *prima facie*.

[1] Iċċitat fis-sentenza fl-ismijiet "Christian Borg (K.I. nru. 315493M) eżerċenti l-kummerċ bħala Goldcar Malta V. Aspire Global International Limited (C42296) u Dmitri Reidenan (K.I. nru. 1144178A)" Rik. Nru 132/2020 Għar-Revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju. Numru 685/2020, tas-7 t'April 2017.

ILLI s-sekwestrati llamentaw ukoll miż-żieda fl-ammont kawtelat u l-piż finanzjarju li dan qed ipoġġi fuqhom. Illi iżda l-artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, imkien ma jikkontempla illi diffikultajiet finanzjarji għandhom jiġġustifikaw revoka ta' mandat kawtelatorju. Mhux biss, iżda d-digriet fl-ismijiet: "Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea" ġia ċitat, il-Qorti kompliet tgħid:

*"Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' pregudizzju lill-rikorrenti mhux raguni valida għala l-mandat ghandu jiġi revokat. (ara : "Taormina Holdings Ltd v Biochemicals International Ltd." (PAI GCD - 30 ta' Ottubru 2003)"* (emfażi miżjuda mill-esponenti)

ILLI wieħed irid iżomm f'moħħu illi s-sekwestrati huma fost l-akbar propjetarji ta' art f'Għawdex u hu magħruf li għandhom ġid anke barra minn Malta. Li jiġu jgħidu illi mandat tas-somma modesta ta' tletin elf euro (€30,000) ħolqilhom konsegwenzi serji u ħallihom bla flus hi inverosimili għall-aħħar u m'hi kredibbli xejn.

ILLI s-sekwestranti jissottomettu bil-qima illi iż-żieda fl-ammont kawtelat hija sempliċiment riflessjoni taż-żieda fid-danni kkaġunati mis-sekwestrati u subiti mis-sekwestranti minn meta nħareġ l-ewwel mandat kawtelatorju sal-lum. Dawn id-danni jinkludu mhux biss danni emerġenti u spejjeż legali li dejjem jiżdiedu, iżda wkoll lukri ċessanti minn biċċa raba' ta' kejl ta' elf ħames mija u disgħa u erbgħin punt ħamsa metri kwadri (1549.5 m.k.) ta' sentejn addizjonali oħra u ċjoè mis-sena 2019 sas-sena 2021. Magħdud ma' dan għandu jingħadd ukoll d-danni kkaġunati bl-iżvalutar tal-istess propjetà u danni morali subiti mill-istess rikorrenti matul dan l-istess perjodu. Issa naturalment, iktar ma jdum l-aġir abbużiv tas-sekwestrati, iktar ser jikber id-dannu subit mis-sekwestranti u iktar ser jiżdied l-ammont li jeħtieġ li jiġi kkawtelat. Il-liġi mkien ma teħtieġ li d-danni għandhom jitqiesu biss fil-mument li fih ġiet promossa il-kawża u li kieku jsir kif qed jipprospettaw is-sekwestrati, tirriżulta sitwazzjoni assurda fejn persuna suġġettata għall-aġir abbużiv u kontinwu minn ħaddieħor ikollha tagħmel kawża separata kull darba li jirriżultaw danni minn dak l-istess aġir abbużiv. Dan ma jagħmilx sens u tmur kontra l-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju li jimmilita biex jiġi evitat profilerazzjoni eċċessiva ta' kawżi. Skont is-sekwestrati, is-sekwestranti għandhom joqogħdu jagħmlu kawża kull ftit xhur ħalli jillikwidaw id-danni sofferti minnhom. Proposta li hi tassew assurda u tmur kontra il-prinċipju ta *"jus superveniens quod firmat actionem vel exceptionem"*. Fis-sentenza fl-ismijiet Carmelo sive Charles Farrugia vs Michael Camenzuli et., tat-28 ta' Frar 2011, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili spjegat dan il-prinċipju hekk:

*Illi l-Qrati tagħna matul is-snin li għaddew kellhom okkażjoni jiddikjaraw illi t-teorija tal-jus superveniens ġiet dejjem applikata mill-Orati tagħna għall-każijiet*

*meta mingħajr ma tbiddel id-domanda sew għall-oġġett jew għall-kawża, għalkemm l-attur ma kellux dak id-dritt li jkun qed jitlob fil-mument taċ-ċitazzjoni iżda dak id-dritt minnu mitlub jiġi jseħħ fil-mori tal-ġudizzju, allura l-gurisprudenza in bażi tad-duttrina wisq akkreditata. dejjem aċċettat li minflok issir kawża oħra, dak id-dritt li jkun mitlub fiċ-ċitazzjoni u li ġie in eżistenza jew fl-eżerċizzju tiegħu waqt il-kawża, jista' jkun deċiż f'dik l-istess kawża.* (*"Falzon* vs *Camilleri" – Appell 8 ta' Frar 1943).*

IKTAR min hekk, hija fir-responsabbilità ta' min qed jikkaġuna d-danni li jieqaf milli jagħmel dan, speċjalment meta jħoss li r-riskju u l-piż tar-responsabbiltà qed jilħaq ċertu livell. Hawn is-sekwestranti jagħmlu riferenza għal prinċipju li jiġi kkwotat spiss f'materja ta' likwidazzjoni ta' danni u ċjoè illi

*"għalkemm id-danneggjat għandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragionevoli biex inaggas il-ħsara u li jieħu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, huwa mhuwiex obbligat li jitghabba b'pizijiet biex jirriduci l-ħsara."*[2]

ILLI għaldaqstant ukoll is-sekwestranti, m'għadhomx jiġu mġiegħla jitgħabbew bil-piż li jiftħu kawża separata kull darba li d-danni jiżdiedu kaġun tal-aġir abbużiv u kontinwu tas-sekwestrati iżda għandhom jitħallew iżidu l-ammont kawtelat b'mod raġjonevoli u proporzjonat, kull meta jawmentaw id-danni.

ILLI magħdud ma dan, kif jirriżulta mill-provi ġa miġjuba fir-rikors ġuramentat fl-istess ismijiet, huma s-sekwestranti illi sfaw imsallbin kanun tal-aġir tas-sekwestrati. Hawn, is-sekwestranti ifakkru illi l-għalqa illi tagħha s-sekwestrati għalqu l-aċċess nxtrat mis-sekwestranti ħalli jiġi assigurat illi huma jkollhom kemm aċċess għall-istess għalqa kif il-għalqa limitrofi propjetà tagħhom illi fiha s-sekwestranti għandhom diversi ambjenti illi jixtiequ jbiddlu f'imqajjel għan-nagħaġ u mogħoż tagħhom li l-ħalib tagħhom huwa font importanti tal-għajxien tagħhom. Illi bl-ostruzzjoni rrazzjonali u bl-abbuż tad-dritt tas-sekwestrati mmotivata sempliċiment minn pika u m'hux għax ser isoffru xi preġudizzju għall-partrimonju tagħhom, is-sekwestranti, m'hux biss ma jistgħux jaħdmu l-għalqa in kwistjoni sabiex ikabbru l-uċuħ li altrimenti jistgħu jkabbru, imma qed jiġu ostakolati milli jimplimentaw proġett sabiex jipprovdu ambjent aktar modern għall-merħla tagħhom skont il-liġi sanitarja viġenti u anke jkabbru l-istess merħla. Għaldaqstant, id-danni prospettati żgur jeċċedu ħmistax-il elf euro (€15,000) fis-sena kif ġie kkawtelat bil-mandat de quo.

---

[2] Ara pereżempju "Elmo Insurance Services Limited noe et vs Trevor Vassallo" Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tas-26 ta' Novembru 2003.

ILLI s-sekwestrati għamlu riferenza għas-sentenza fl-ismijiet "**Josephine Sammut vs Emanuel Sammut, Natasha Sammut u George Borg**" tal-20 ta' Ottubru 2005 iżda din ir-riferenza iktar issaħħaħ l-argument tas-sekwestranti, milli dak tas-sekwestrati. Dan għaliex il-fattispeċje ta' din il-kawża ċitata huma kompletament differenti minn dawk ta' din il-kawża odjerna. F'dik il-kawża, is-sekwestranti talbu l-ħruġ ta' tliet (3) mandati: Mandat ta' Sekwestru, Mandat ta' Qbid li permezz tiegħu ġew elevati *taxi* u c-*charabanc*, u Mandat ta' Inibizzjoni li żamm il-bejgħ ta' tliet (3) proprjetajiet immobbli, ċjoè, flat f'San Pawl tat-Tarġa, terran f'Tas-Sliema, u Maisonette f'San Ġiljan, u dana fuq kwistjoni li kienet titratta biss it-*taxi* u c-*charabanc*.

Fid-digriet tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għallmet hekk:

"*Fil-fehma tal-Qorti, wara l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni fuq il-proprjeta' immobbli tar-rikorrenti, u, speċjalment, wara d-deċisjoni ta' din il-Qorti tat-3 ta' Lulju, 2003, l-intimata ma kellhiex tibqa iżomm attivi ż-żewġ sekwestri in kwistjoni. Ma kellix toqgħod tistenna l-konferina tal-mandat ta' inibizzjoni dwar il-vetturi għax hi kienet taf li bit-tlett proprietajiet milquta bil-mandat ta' inibizzjoni (numru 716/03) kienet ġiet ikkawtelata għad-danni pretizi aktar milli hu meħtieġ. Hu hawn li nagset l-intimata. Kif gia ġie osservat minn din il-Qorti, il-Mandati kawtelatorji għandhom skop preċiż u jridu jintużaw biex jiġu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-hrug tagħhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew għall-pika jew bi ħsieb malizzjuż ieħor. Kreditur għandu dritt jitlob il-ħrug ta' kull mandat permess bil-liġi, pero' għandu jikkontrolla l-effetti tagħhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu meħtieġ għandu jirregola ruħu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew tħassir ta' xi mandat partikolari.*"

ILLI f'dan il-każ odjern is-sekwestranti kienu eċċessivament kawti fid-deduzzjoni tal-pretensjoni tagħhom u inizjalment, talbu li jiġi kkawtelat l-ammont modiku ta' tletin elf ewro (€ 30,000) biex jikkawtela d-danni subiti minnhom, liema mandat ma' ġiex ikkontestat kif ingħad. Mat-trapass taż-żmien, dawn id-danni komplew jiżdiedu u għaldaqstant, kien opportun li tintalab kawtela ulterjuri ta' tletin elf ewro (€ 30,000) oħra li hi wkoll somma modesta ħafna fiċ-ċirkostanzi li qed ngħixu fihom. Min-naħa l-oħra, is-sekwestrati la qatt ikkontestaw u l-anqas talbu r-revoka tal-ewwel tletin elf ewro (€30,000) kkawtelati u lanqas ma ġabu xi prova biex juru li s-somma ulterjuri ta' tletin elf (€30,000) m'hix ġustifikata jew li hi eċċessiva.

ILLI magħdud ma' dan, anke mal-ewwel daqqa t'għajn, jirriżulta ċar illi s-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) hija baxxa meta mqabbla mal-ammont ta' danni li familja ssofri meta titlef l-aċċess u l-użu ta' biċċa raba' tal-kejl ta' elf ħames mija u disgħa u erbgħin punt ħamsa metru kwadru (1549.5 m.k.) għal aktar minn erba' (4) snin sħaħ. Tenut kont anke tal-proġett li qiegħda tippjana li timplimenta fuq l-art mertu tal-kawża. Anzi mal-ewwel daqqa t'għajn

jirriżulta ċar illi s-somma ta' sittin elf ewro (€60,000) hija iktar idoneja fiċ-ċirkostanzi u dan ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża bin-numru 46/2019 BS.

ILLI f'dan il-każ odjern jirriżulta wkoll illi ir-rekwiziti tal-liġi għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju huma sodisfatti tajjeb u ebda wieħed mill-estremi kontemplati fl-artikolu 836(1) tal-Kap. 12, ma javveraw irwieħom. Partikolarment, is-sekwestrati naqsu milli jippruvaw illi xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju m'għadhiex fil-fatt teżisti, jew illi l-ammont kawtelat mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew eċċessiv. Għaldaqstant, it-talba tagħhom hemm kif inhi msejsa fuq l-Artikolu 836(1)(b) u (d) tal-Kap. 12 kjarament mhijiex mistħoqqa.

ILLI għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talba tas-sekwestrati għar-revoka tal-mandat de quo u tikkonferma d-digriet tagħha tal-5 ta' Novembru 2021.

Rat l-atti kollha;

Semgħet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Id-Dritt**

Illi dan ir-rikors qed isir abbażi tal-artikolu 836 (1)(b) u (d) tal-Kap. 12 li jipprovdi:

*"Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*[...]*

*(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti; jew*

*[...]*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;"*

**Ikkunsidrat:**

Fi proċedura ta' din ix-xorta, il-qrati tagħna b'mod konsistenti ħadu l-linja illi l-qorti li tkun adita mill-proċediment għandha toqgħod lura milli tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex dik hija materja li għad trid tkun deċiża minnha stess fil-waqt opportun wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża dwar il-mertu. Għalhekk fi proċedura ta' din ix-xorta, qorti m'għandhiex tidħol f'konsiderazzjonijiet dwar il-mertu, iżda għandha tillimita ruħha għal eżami sommarju jew *prima facie* tal-argumenti li ġġib il-parti li tkun qiegħda titlob ir-revoka in toto jew in parte tal-Mandat. Għandha tagħmel dan għaliex il-proċediment odjern huwa għalkollox distint mill-kawża dwar il-mertu, kif ukoll għaliex il-ġudikant li jkun ser jipprovdi dwar it-talba għar-revoka tal-Mandat se jkun l-istess ġudikant li finalment ikun irid jiddeċiedi l-kawża fil-mertu.

Ingħad illi "*Il-Qrati ennuncjaw princippji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta` Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie*." [3]

Ingħad ukoll li "*mid-dispozizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta` prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawża proprja*." [4]

Din il-Qorti tisħaq li l-konklużjoni illi sejra tasal għaliha fil-proċediment tal-lum bl-ebda mod m'għandha tiftiehem bħallikieku tikkostitwixxi ġudizzju ta' xi xorta dwar il-mertu tal-kawża, għaliex l-istħarriġ meħtieġ fi proċeduri ta' din ix-xorta huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħda tintalab ir-revoka. Hekk kif intqal mill-Qorti tal-Kummerċ[5], dak li qorti tkun trid tagħmel huwa li taċċerta ruħha li r-rekwiżiti li trid il-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu jidhru mill-att innifsu, u kif ukoll taċċerta ruħha li l-att ma jkunx ħareġ abbużivament.

F'dan l-istħarriġ li qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji ewlenin. Dawn huma :

a) **illi d-dritt għall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jiġi mxejjen jew imgarrab b'leġġerezza;**

[3] Conrad Borg vs de La Rue (15 ta' Lulju 2015) kif ukoll Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et, deciza tas-26 t'April 2002
[4] Camilleri vs Gove et deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001
[5] Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia noe et, deċiża fit-23 ta' Ġunju 1994

b) **illi huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn qorti**[6].

Il-qorti sejra issa tgħaddi għall-analizi ta' d-dispożizzjonijiet tal-Art. 836 tal-Kap. 12 li abbażi tagħhom ir-rikorrenti intimati qiegħdin iressqu t-talba tagħhom fil-proċediment tal-lum.

**Il-paragrafu (1)(b)**

Skont din id-dispożizzjoni, ikun hemm lok għat-tħassir tal-Mandat meta waħda mill-ħtigijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ma tkunx għadha fil-fatt teżisti. Rigward dan il-paragrafu ngħad hekk :

*"Illi l-Artikolu 836(1)(b) jistipula li mandat kawtelatorju ghandu jithassar jekk "waħda mill-htiġiet tal-ligi għall-hrug ta` l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti" . Peress li ma jirrizulta li nbidel xejn minn dakinhar tal-prezentata tal-mandat sa llum, u fil-frattemp ġiet ipprezentata wkoll il-kawża fuq il-mertu, ma jirrizultax li din hija raguni valida sabiex jithassar il-mandat in dizamina."*[7]

Ingħad ukoll illi *"Ir-raguni skont l-Art.836 (1) (b) hi: "li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti"*[8] Għal din il-Qorti dan ifisser li biex l-argument tar-rikorrenti intimati jirnexxi taħt dan il-paragrafu jrid jintwera li xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed u għalhekk huwa meħtieġ illi r-rikorrenti intimati juru li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li mandat ikun inħareg sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-seħħ.

Minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li l-argument tar-rikorrenti intimati huwa bbażat fuq il-fatt illi l-intimati rikorrenti kienu diġà ottjenew il-ħrug ta' mandat ta' sekwestru ieħor qabel dan tal-lum, liema mandat inħareg kontra r-rikorrenti intimati għall-istess somma indikata fil-mandat tal-lum.

Billi l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru, kuntrarju għal dak li jsir fil-mandati ta inibizzjoni, jinħareġ fuq it-talba tas-sekwestrant, liema talba ssir bir-responsabbilità unika ta' min jagħmel it-talba tant illi s-sekwestrant jikkonferma bil-ġurament tiegħu it-talba minnu mressqa, il-qorti, meta

[6] Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited, Prim'Awla, deċiża fil-5 ta' Ġunju 2007
[7] Carmelo Abdilla vs Auto Sales Limited – Rikors 115/ 2011 – Provvediment mogħti fis-17 ta' Mejju, 2011
[8] Avv. Antonio Depasquale noe vs World Match Limited – Rikors Nru. 315/2014 – Provvediment mogħti fl-20 ta' Mejju, 2014.

takkorda t-talba ma tkunx adita mill-informazzjoni kollha billi ma jkunx hemm smigħ tat-talba. Hekk ġara fil-każ odjern. Kien wara r-rikors tar-rikorrenti intimati li din il-Qorti saret taf li kien hemm mandat ta' sekwestru kawtelatorju ieħor kontra r-rikorrenti intimati maħruġ fuq talba tal-intimati rikorrenti. Però dan ifisser illi xi waħda mill-ħtiġijiet tal-mandat ma għadhiex aktar tezisti?

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju għandu oġġetiv preciz li huwa li jikkawtela l-interess ta' min jitlob il-ħruġ tal-mandat. Fil-każ tal-lum l-intimati rikorrenti ma ċaħdux illi hemm mandat ieħor li ntalab qabel dan tal-lum kontra r-rikorrenti intimati. Lanqas ma ċaħdu li s-somma indikata fit-talba tagħhom illum tinsab debitament depożitata. Fid-dawl ta' dan tqis illi l-pretensjoni tar-rikorrenti intimati għar-revoka tal-mandat a bażi ta' dan il-paragrafu (d) hija fondata.

**Il-paragrafu (1)(d)**

Skont l-Art 836(1)(d) tal-Kap. 12, ikun hemm lok għar-revoka in toto jew in parte tal-Mandat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv.

Rigward dan il-paragrafu intqal illi "*Il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrenti ezekutant ghandu bażi ta' pretensjoni, (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt għall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jiġi mfixkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja tagħhom sa kemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bħala wiehed maghmul b'mod azzardat.*"[9]

Għall-fini tal-proċediment tal-lum jgħodd biss jekk jirriżultax illi l-ammont pretiż huwiex ġustifikabbli fuq livell ta' *prima facie*. Meta tqis l-assjem tal-provi, din il-Qorti tgħid illi mhijiex sodisfatta, fuq bażi ta' *prima facie*, illi l-ammont ikkawtelat bil-Mandat huwa ġustifikabbli. Tgħid dan anke għaliex l-intimati rikorrenti ma ġabu l-ebda prova sabiex jiġġustifikaw l-ammont minnhom pretiż bil-mandat odjern.

---

[9] Galea vs Steward, 29 ta' Lulju, 2005

Din il-Qorti qieghda għalhekk tilqa' t-talba tar-rikorrenti intimati abbażi tal-Art. 836(1)(d) tal-Kap.12.

**It-Talba għal penali ai termini ta' l-Art. 836(8)(b) u (d)**

Ir-rikorrenti intimati talbu lill-Qorti sabiex timponi penali. L-Art. 836(8) tal-Kap. 12 jagħti diskrezzjoni lill-qorti li timponi penali kontra l-persuna li tkun ippreżentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun ġie preżentat l-att fl-erba' każi li huma indikati minn paragrafu (a) sa (d) tal-istess subartiklu.

Din il-Qorti għandha diskrezzjoni għal li qed jintalab mir-rikorrenti intimati. Huwa fatt mhux kontestat li l-iskop għall-applikazzjoni hija materja ta' ordni pubbliku fis-sens illi l-liġi trid tiżgura illi minn naħa waħda l-kreditur ikun jista' jqiegħed il-kreditu tiegħu fiż-żgur billi jipprevalixxi mill-jedd li tagħti l-liġi stess li jitlob il-ħrug ta' mandat kawtelatorji u min-naħa l-oħra jiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju billi ma tħallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.

Infatti fejn tkun tirriżulta l-impronta tal-abbuż, abbażi tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti għandha s-setgħa li tintervjeni. Din il-Qorti hija tal-fehma li ma tressqux provi jew argumenti tajbin biżżejjed li juru li l-Mandat ħareġ b'ħażen, b'malizzja jew b'mod vessatorju. Il-Qorti timxi fuq il-massima li l-*bona fede* hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ppruvat.[10] Meta fliet l-atti din il-Qorti ma rriżultax fuq bażi ta' *prima facie* l-mandat kien talment frivolu, vessatorju jew malizzjuż li kellu jwassal għas-sanzjoni tal-penali.

Għalhekk tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċirkostanzi, din il-Qorti ma tqisx li għandha timponi l-penali skont id-dispożizzjonijiet ċitati mir-rikorrenti intimati.

**Talba għal danni ai termini ta l-Artikolu 836(9)**

Wara li fliet l-atti u qieset sew din il-Qorti hija tal-fehma li ma għandha timponi l-ebda dannu fuq l-intimati rikorrenti kif pretiż mir-rikorrenti intimati billi dawn ma ġabu l-ebda prova tad-danni li jgħidu li sofrew kaġun tal-ħruġ tal-mandat odjern u għalhekk din it-talba qed tiġi miċħuda.

**Provvediment**

Għar-raġunijiet kollha premessi u l-motivi ġa espressi l-Qorti filwaqt li tilqa' t-talba tar-rikorrenti intimati sabiex jiġi revokat il-Mandat ta' Sekwestru

[10] App. Ċiv 7.7.1920 fil-kawża fl-ismijiet Miller Blacker pro et noe vs Howard (Kollez. Vol: XXIV.i.554).

Kawtelatorju 148/2021 u għalhekk qed tirrevoka l-mandat ta' sekwestru msemmi b'effett immedjat, tiċħad it-talbiet l-oħra tar-rikorrenti intimati.

L-ispejjeż tal-provvediment tal-lum jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali dwar il-mertu.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur